MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 268/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Trevor Micallef)
Vs
Ignatius Picorella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (ID 385946(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Gunju, 2009 għall-ħabta ta' 22.00 hrs, ġewwa "Marylou", 1, Triq tal-Franċiż, Swieqi, bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghall-Twissija w Twiddiba.

Rat ukoll l-artikolu 189 tal-Kap. 10 u ordnat lill-appellant ineħħi l-inkonvenjent fi żmien xahar taħt penali ta' għaxar Euro (€10) kull jum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha, li d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti tiġi mħassra w revokata sabiex l-appellant jigi meħlus mill-akkuża.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi saret applikazzjoni ħażina tal-ligi da parti ta' l-Ewwel Qorti u wkoll applikazzjoni ħażina tal-fatti fil-konfront ta' l-appellant odjern.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-dokumenti.

Ikkonsidrat

Skond ix-xhieda tal-parte ċivili li qalet hekk:

*'Illi jien għandi dan l-airconditioner qisu mutur taż-żrar.' Dan qiegħed fix-xaft li jiġi fuq il-bedroom tiegħi. Jien ma nsitax norqod. Lejl sħiħ imqajma.'*

**L-aggravji tal-appellant**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-post in kwistjoni mhux 'Marylou' Triq il-Franċiż, Swieqi iżda huwa Voyager, Triq il-Franċiż Swieqi. Jirriżulta mir-relazzjoni tal-Perit maħtur mill-Ewwel Onorabbli Qorti li l-perit spezzjona l-appartament 'Voyager' 1 Triq il-Franċiż, Tal-Ibraġġ, Swieqi (fol 21). Filfatt, skond ir-rapport fl-ewwel parti sar

‘aċċess fuq il-fond tal-imputat fil-preżenza tiegħu stess assistit mill-avukat tiegħu.’ (fol 12). Saħansitra hemm mehmuż skizz tal-fond tal-imputat immarkat Dok A bl-AC outdoor unit immarkat bl-aħmar. Barra dan il-post huwa mmarkat bl-istess numru – jiġifieri numru 1 u jidher l-istess isem tat-triq. Mela m’hemm ebda konfonidment dwar l-identita’ tal-post u għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi dan l-aggravju.

It-tieni aggravju huwa li l-Perit m’għamilx analiżi bid-decibels iżda straħ fuq l-udit. Il-Qorti ma tirraviża xejn ħażin f’dan għaliex mhux bilfors il-prova tal-inkonvenjent issir billi wieħed ikejjel id-decibels. Bl-istess mod kif offiża fuq il-persuna mhux bilfors tkun ippruvata b’ċertifikat mediku (ara ‘Il-Pulizija versus Generoso Sammut 2 t’Awwissu 199 Vol LXXXIII paġina 365) hekk ukoll m’hemm xejn x’jostakola li ssir il-prova tal-ħsejjes bl-udit. Wara kollox min ikun qed isofri l-inkonvenjent ma joqgħodx jiġri bl-istrumenti f’idejh. (Ara dwar dan: Il-Pulizija versus Raymond Spiteri 20 ta’ Novembru 1998). Għalhekk dan l-aggravju qed ikun respint ukoll.

It-tielet aggravju tal-appellant huwa li l-Qorti jmissha applikat id-dispożizzjonijeit tal-Avviż Legali 64 tal-2002 dwar il-livelli tan-noise emission in the environemnt of equipment for use outdoors. Bir-rispett kollu l-għan ta’ dan l-Avviż Legali huwa li jindika standards meħtieġa dwar numru ta’ oġġetti biex dawn ikunu varati fis-suq. Filfatt il-projbizzjoni dwar li wieħed imur oltre mil-livelli indikati toħroġ mir-regolament 4.2. tal-istess Avviż Legali li l-ewwel li ma jagħmel huwa jeddifinixxi l-isfera tal-applikabbilita’ tal-istess regolamenti. Dan l-Avviż Legali bl-ebda mod ma ħassar il-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta applikat il-kap 9.

L-appellant jissottometti li jekk l-inkonvenjent ikun fil-livell permissibbli mil-Liġi, allura l-appellant ma jistax jinstab ħati taħt l-artikolu 338(m) tal-Kap 9. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Lanqas li kieku l-air conditioner in kwistjoni jissodisfa l-livelli tal-Avviż Legali imsemmi, dan bl-ebda mod ma jagħti liċenzja lil xi ħadd li

awtomatikament ħadd ieħor ma jistax jitkellem u joqgħod jissaporti l-inkovenjent. Il-Qorti eżaminat il-ġurisprudenza li kienet ippreżentata mill-Avukat Ġenerali dwar dan li hija ċara daqs il-kristall:

(a) Il-Pulizija versus Anthony Cuschieri (16 ta' Diċembru 1946) fejn intaqal:

*'Il-fatt li wieħed ikollu liċenzja tal-Pulizija biex iżomm forn ma jeżimihx mir-responsabilita' li għandu skond il-Liġijiet tal-Pulizija li juża dak il-forn b'mod li ma jdejjaqx jew li ma jkunx ta' inkomdu għall-ġirien.'*

(b) Il-Pulizija versus Raymond Spiteri (20 ta' Novembru 1998)
*'Meta kwistjoni tirrigwarda inkonvenjent ikkaġunat minn ħsejjes, il-prova tista' ssir permezz tal-persuna jew persni li jkunu qed jissubixxu dak l-inkonvenjent. Normalment, għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' espert tekniku........F'każijiet bħal dawn spetta għall-Qorti, fil-ġudizzju u d-dehen tagħha, li tivvaluta d-depożizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent.'*
Din is-silta turi li jista' jkun hemm is-soġġettivita' fil-kejl tal-inkonvenjent u dan irmu kontra dak li ssottometta l-appellant fil-paragrafu 4.7 tiegħu.
Fl-aħħarnett, kontra dak li ssottometta l-appellant fil-paragrafu 4.8, il-Prosekuzzjoni gabet provi biżżejjed kemm permezz tal-Perit kif ukoll permezz tal-parte ċivili biex tipprova l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Ġunju 2010 fil-ismijiet hawn fuq premessi b'dan pero' li x-xahar li ngħata żmien biex ineħħi l-inkonvenjent taħt penali ta' għaxart Ewro (€10) kull jum jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------